6 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Anthony Cini *versus* Dolores Cini

**Mandat ta' Impediment tas-Safar — Alimenti — Prestazzjonijiet Perjodiċi — Proroga — Nullità — Art. 763, 872, u 865 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*L-effetti ta' mandat ta' impediment ta' safar ottenut in kawtela ta' domanda għall-alimenti jispiċċa bis-sentenza li takkorda*

*dawk l-alimenti; u l-mara li otteniet dak il-mandat mhix intitolata li titlob aktar li l-mandat jiġi prorogat; imma hija ntitolata biss li titlob il-ħruġ ta' mandat ieħor, anki jekk ir-raġel ma jkunx debitur lejha għall-alimenti skaduti fis-somma ta' £20, jew f'ebda somma, sempliċement bħala kawtela ta' l-eżazzjoni tal-alimenti globali li għalihom hija jkollha dritt in forza ta' dik is-sentenza.*

*Anzi id-dritt għal prestazzjonijiet perijodiċi, bħal kwalunkwe kreditu "a termine", għalkemm ma jistax jiġi esperit qabel l-iskadenza, jekk wieħed jaġixxi għall-eżazzjoni tal-kreditu, jista' jiġi esperit anki qabel dik l-iskadenza, jekk wieħed ikun irid jikkawtelah; u d-domanda ntiża għall-otteniment tal-alimenti tikkomprendi s-somma tal-prestazzjonijiet kollha perijodiċi li l-iskadenza tagħhom għandha ddum sakemm idum id-dritt għall-eżazzjoni tal-alimenti. Liema kawtela tiġi regolata kif tipprattika l-liġi, billi tiġi moltiplikata għal għaxar darbiet is-somma netta tal-alimenti ta' sena.*

*Jekk imbagħad dak il-mandat jiġi ottenut wara s-sentenza, jitlef l-effikaċja tiegħu jekk il-pretensjoni kawtelata bih ma tiġix dedotta f'ġudizzju fiż-żmien preskritt mill-liġi; u ħafna mill jekk min jottjenih ma jsemmix fir-rikors, barra minn dikjarazzjonijiet oħra, is-sentenza li biha tkun ġiet kundannata l-pretensjoni kawtelata, u ma jkunx wettaq bil-ġurament illi s-sentenza ma ġietx eżegwita għal kollox.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta, fil-11 ta' Jannar, 1952, u fil-5 ta' Mejju, 1953, kienet otteniet minn din il-Qorti l-ħruġ ta' żewġ mandati ta' impediment tal-partenza kontra tiegħu in kawtela tal-pretensjoni tagħha għall-alimenti, li ġiet dedotta fil-kawża fl-ismijiet "Dolores Cini vs. Anthony Cini", deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Marzu, 1952; u illi huwa, wara dik is-sentenza, ħallas dejjem regolarment l-alimenti lill-konvenuta, u f'ebda żmien wara s-sentenza huwa ma kellu jagħtiha l-ammont indikat fl-art. 864(1) tal-Proċedura Ċivili, li in kawtela tiegħu hija permessa kontra d-debitur l-ispedizzjoni ta' dan il-mandati; u illi għal dan il-motiv il-mandati fuq riferiti ma jistgħux ikomplu jseħħu; jitlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti

*kollha meħtieġa minn din il-Qorti, (1) jiġu dikjarati nulli u bla ebda effett il-mandati fuq riferiti; (2) billi, okkorrendo, tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmija żewġ mandati tal-partenza għall-motivi fuq riferiti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li ġiet inġunta sabiex tidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fil-11 ta' Jannar, 1952, u fil-5 ta' Mejju, 1953, il-konvenuta, f'isimha proprju u bħala kuratriċi ta' uliedha minuri *Rosanna u Katherine aħwa Cini, otteniet minn dina l-Qorti* l-ispedizzjoni ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra l-attur in kawtela tal-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' pensjoni alimentarja għaliha u għaż-żewġ uliedha minuri; liema pretensjoni kienet tal-valur approssimattiv ta' £2,080. Mhux kontestat illi l-konvenuta ddeduċiet dik il-pretensjoni fil-kawża fl-ismijiet "Dolores Cini vs. Anthony Cini", li ġiet deċiża minn dina l-Qorti fit-8 ta' Marzu, 1952, u l-attur ġie kundannat iħallas lill-konvenuta, għaliha biss, il-pensjoni alimentarja ta' *£1.5.0 fil-ġimgħa. L-attur* xehed, bla ebda kontestazzjoni mill-konvenuta, illi huwa dejjem ħallas, direttament jew indirettament, lill-konvenuta l-pensjoni alimentarja kanonizzata favur tagħha minn dina l-Qorti bis-sentenza fuq imsemmija u f'ebda żmien wara s-sentenza huwa ma kellu jagħtiha s-somma ta' £20 għal dik il-pensjoni; għalhekk huwa jippretendi illi l-imsemmijin żewġ mandati ma jistgħux ikomplu jseħħu, u għandhom jiġu dikjarati nulli u bla ebda effett, u tiġi revokata l-eżekuzzjoni tagħhom. *Il-konvenuta topponi t-talba ta'* l-attur, billi tallega illi l-kreditu kawtelat minnha b'dawk iż-żewġ mandati jissupera bil-bosta l-£20, billi kien għall-ammont ta' £2080;

Ikkunsidrat;

Illi, in kwantu għall-mandat tal-11 ta' Jannar, 1952, l-istess ġie ottenut u eżegwit qabel is-sentenza tat-8 ta' Marzu, 1952, fil-kawża li biha l-konvenuta ddeduċiet il-pretensjoni tagħha msemmija f'dak il-mandat; u taħt dan l-aspett dak il-mandat ma għandux jiġi dikjarat null (Vol.XXI-II-597). *Dak il-mandat ġie mġedded* ........ u apparentement jidher illi għalaq biss fit-13 ta' Ġunju, 1953, billi ma saretx talba oħra mill-konvenuta għat-tiġdid tiegħu (art. 874 Kod.

Proċ. Ċivili). Però, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-effetti ta' dak il-mandat proprjament spiċċaw bis-sentenza fuq imsemmija tat-8 ta' Marzu, 1952, u l-konvenuta, wara dik is-sentenza, ma kienetx intitolata terġa' titlob illi dak il-mandat jiġi mġedded aktar. Hija kienet intitolata biss titlob il-ħruġ ta' mandat ieħor ta' impediment tal-partenza kontra l-attur, anki jekk dana ma kienx debitur lejha għall-alimenti skaduti fis-somma ta' £20, jew f'ebda somma, imma sempliċement b'kawtela ta' l-eżazzjoni ta' l-alimenti kollha li għalihom hija kellha dritt in forza ta' l-imsemmija sentenza;

Tabilħaqq, id-dritt għal prestazzjoni perijodika, bħal kwalunkwe kreditu "a termine", ma jistax jiġi esperit qabel l-iskadenza, jekk wieħed jaġixxi għall-eżazzjoni tal-kreditu (Vol. XXI-I-346); imma jista' jiġi esperit anki qabel dik l-iskadenza, jekk wieħed ikun irid jikkawtelah; u d-domanda ntiża għall-otteniment ta' l-alimenti tikkomprendi s-somma tal-prestazzjonijiet kollha perijodiċi li l-iskadenza tagħhom għandha ddum sakemm idum id-dritt għall-eżazzjoni ta' l-alimenti; u għal din ir-raġuni l-istess hi regolata, in kwantu għall-valur, mill-art. 763 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Vol. XXIV-II-159), jiġifieri, f'dan il-każ, is-somma netta ta' l-alimenti ta' sena immoltiplikata għal għaxar darbiet. Minflok ma segwiet din il-proċedura, il-konvenuta kompliet titlob it-tiġdid tal-mandat, li ma setgħax wara s-sentenza jkompli jkollu aktar effett; anki għaliex il-pretensjoni tal-konvenuta miġjuba f'dak il-mandat kienet tikkomprendi l-alimenti tal-minuri aħwa Cini, u bis-sentenza ġa msemmija l-Qorti eskludiet it-talba għal dawn l-alimenti;

Ikkunsidrat;

Illi, in kwantu għall-mandat tal-5 ta' Mejju, 1953, l-istess ġie ottenut mill-konvenuta wara illi ġiet mogħtija l-istess sentenza. Dan il-mandat, li hu kawtelatorju, għandu jiġi kunsidrat taħt żewġ ipotesijiet: (a) Jew li ġie ottenut mill-konvenuta bħala għal kollox ġdid, b'kawtela ta' pretensjoni ġdida ndipendentement mis-sentenza ġa msemmija; u dan jidher illi hu aktarx il-każ, għaliex il-konvenuta talbet il-ħruġ tiegħu in bażi għall-pretensjoni ta' alimenti għaliha u għaż-żewġ uliedha minuri fuq imsemmijin, men-

tri bis-sentenza li ssemmiet l-alimenti għal dawk it-tfal kienu ġew esklużi: (b) jew li b'xi mod ġie mitlub mill-konvenuta in segwitu għall-istess sentenza b'kawtela ta' l-eżazzjoni tal-prestazzjonijiet kollha kanonizzati favur tagħha biha. Fiż-żewġ każi, jew ipotesijiet, il-mandat għandu jiġi ritenut illi ma baqgħax iseħħ u illi ma għandu ebda saħħa. kif sejjer jingħad;

Illi, fl-ewwel ipotesi, il-mandat ma baqgħax iseħħ u tilef l-effetti tiegħu, billi ma rriżultax illi l-konvenuta ddeduċiet f'ġudizzju l-pretensjoni tagħha msemmija f'dak il-mandat fiż-żmien li trid il-liġi (art. 872 Kod. Proċ. Ċiv., Vol. XIII, 173);

Illi, fit-tieni ipotesi, il-mandat ma jiswiex u ma għandux ebda saħħa. U tabilhaqq, il-liġi teżiġi illi meta l-mandat jintalab wara illi l-pretensjoni tiġi kanonizzata b'sentenza, ir-rikorrent, barra minn dikjarazzjonijiet oħra, għandu jsemmi fir-rikors is-sentenza li biha tkun ġiet kanonizzata l-pretensjoni tiegħu, u għandu jwettaq bil-ġurament illi s-sentenza ma ġietx eżegwita għal kollox (art. 865 Kod. ċitat). Dawn il-formalitajiet mhumiex ozjużi fil-liġi, imma huma sostanzjali; b'mod illi, jekk ma jiġux imsemmija, iġibu għan-nullità tal-mandat (Vol. XXXIII-III-493). U għalkemm drabi oħra bid-deher ġie maqtugħ illi l-mandat maħruġ għall-impediment tas-safar qatt ma jista' jitneħħa mill-eżekutat ħlief kif hemm fl-art. 833(2) u 873 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Qorti tista' taqta' illi meta sar il-mandat kien hemm nuqqas ta' xi ħaġa meħtieġa għall-ħruġ ta' dak il-mandat, li għalhekk xejn ma jiswa u ebda saħħa ma jista' jkollu. Dan il-Qorti tista' tagħmlu fuq kawża għar-revoka tal-mandat (Vol. XXIX-II-447). Issa, ma jirriżultax illi l-konvenuta, meta għamlet dak il-mandat in segwitu għal dik is-sentenza, ottemperat ruħha ma' dak li trid il-liġi fid-dispożizzjoni fuq imsemmija, billi fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat la semmiet dik is-sentenza u lanqas ma kkonfermat bil-ġurament illi l-istess sentenza ma kienetx ġiet eżegwita għal kollox. Għalhekk f'din il-kawża, li hija ntiża għar-revoka tiegħu, dina l-Qorti għandha, skond kif ingħad, tiddikjara illi dak il-mandat ma jiswa xejn u illi ma għandu ebda saħħa;

**Għal dawn ir-raġunijiet;**

Tiddeċidi billi tiddikjara illi l-effetti tal-mandat ta' impediment tas-safar tal-11 ta' Jannar, 1952, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, spiċċaw fit-8 ta' Marzu, 1952, meta ġiet moghtija minn dina l-Qorti s-sentenza fuq imsemmija; u illi l-mandat ta' impediment tas-safar tal-5 ta' Mejju, 1953, imsemmi wkoll fiċ-ċitazzjoni, xejn ma jiswa u ma għandu ebda saħħa. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu għal terz (1/3) mill-attur, u in kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuta.